**K**ull Stat Membru Ewropew stabbilixxa Awtorità għall-Investigazzjoni tas-sigurtà (SIA) permanenti li tista' tagħmel investigazzjoni tas-sigurtà kompleta b'mod indipendenti, waħedha jew permezz ta' ftehim ma' SIAs oħra

**L**-Istati Membri Ewropej għandhom jaħtru koordinatur nazzjonali jew agenzija tal-koordinazzjoni li jkun il-punt ta' kuntatt bejn il-vittmi u qrabathom u l-agenziji governattivi u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi




## REFERENZI

**I**R-REGOLAMENT (UE) Nru 996/2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fl-avjazzjoni ċivili

**I**R-REGOLAMENT (KE) Nru 889/2002 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportatur bl-ajru fl-eventwalità ta' aċċidenti

**L**ista ta' assoċjazzjonijiet tal-vittmi hija disponibbli fuq is-sit eletronIku tal-ENCASIA:

**http://ec.europa.eu/transport/modes/air/encasia/index_en.htm**




*Eżempju ta' għanijiet possibli rigward il-komunikazzjoni mal-vittmi u qrabathom waqt l-investigazzjoni*

ENCASIA

# Gwida prattika dwar l-investigazzjonijiet tas-sigurtà għall-

# Vittmi tal-Aċċident tal-Ajru u l-Qraba tagħhom




**L-uniku għan ta' investigazzjoni tas-sigurtà huwa l-prevenzjoni ta' aċċidenti fil-ġejjieni mingħajr ma wieħed jagħti tort jew responsabbiltà**

MT

__**Kelmtejn ta' Qabel**__**:** *Dan il-fuljett tħejja min-Netwerk Ewropew ta' Awtoritajiet tal-Investigazzjoni tas-sigurtà fis-Settur tal-Avjazzjoni Ċivili (l-ENCASIA) għall-vittmi tal-aċċidenti tal-ajru u għal qrabathom sabiex jiffaċilita l-għarfien tagħhom tar-rwol u tal-fażijiet differenti ta' investigazzjoni tas-sigurtà. Dan il-fuljett jiddeskrivi l-għanijiet prinċipali tal-investigazzjoni ta' aċċidenti ta' inġenji tal-ajru u tat-trasport tal-ajru kummerċjali li jseħħu fl-Ewropa.*

## FAŻIJIET TAL-INVESTIGAZZJONI TAS-SIGURTÀ

### L-EWWEL SIGĦAT/JIEM

▹ Notifika/tibda l-investigazzjoni tas-sigurtà
▹ Imur tim fuq is-sit tal-aċċident (inkluż rappreżentanti akkreditati u konsulenti minn pajjiżi oħra involuti)
▹ Fażi ta' fuq il-post: konservazzjoni u ġbir ta' evidenza

### L-EWWEL ĠIMGĦAT/XHUR

▹ Jinqraw u jiġu validati r-Reġistraturi tat-Titjiriet (il-Kaxxi s-Suwed)
▹ Il-ġbir u l-validazzjoni ta' informazzjoni fattwali



▹ Ir-rilaxx ta' informazzjoni fattwali mill-awtorita' tal-investigazzjoni tas-sigurtà
▹ Aktar analiżi teknika, riċerka u/jew studji

### L-EWWEL SENA U WARA

▹ Tinħareġ dikjarazzjoni interim/rapport sena wara d-data tal-aċċident
▹ Il-pubblikazzjoni tar-rapport finali dwar iċ-ċirkostanzi u l-kawżi tal-aċċident. Ir-rilaxx ta' rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà sabiex jiġu evitati l-aċċidenti fil-ġejjieni u tkompli tittejjeb is-sigurtà tal-avjazzjoni investgazzjoni tas-sigurtà

## ASSISTENZA LILL-VITTMI U LIL QRABATHOM

▹ Informazzjoni dwar il-qraba miċ-ċentru telefoniku (it-trasportaturi bl-ajru għandhom jistabbilixxu hotline)
▹ Il-ħatra ta' koordinatur nazzjonali li jkun l-ħolqa prinċipali mal-vittmi u ma' qrabathom
▹ It-trasportatur bl-ajru u l-koordinatur nazzjonali huma l-ewwel punti ta' kuntatt għall-assistenza lill-vittmi u lil qrabathom wara aċċident
▹ Validazzjoni tal-lista tal-passiġġieri (it-trasportatur bl-ajru għandu jipprovdi l-lista tal-passiġġieri fi żmien sagħtejn)
▹ Uffiċjal dedikat (ċentru tal-kura tat-trasportatur bl-ajru)
▹ L-għoti ta' assistenza psikoloġika
▹ Assistenza finanzjarja għal ħtiġijiet immedjati – "sa mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata wara li l-identità tal-persuna fiżika intitolata għal-kumpens tkun ġiet stabbilita", kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 889/2002
▹ L-aġġornamenti permezz ta' laqgħat wiċċ imb'wiċċ ma' membri tal-familja b'koordinazzjoni mal-uffiċjali
▹ **L-arranġamenti għal żjara fuq is-sit tal-aċċident**
▹ **L-għoti ta' informazzjoni lill-qraba qabel il-ħruġ uffiċjali**
▹ Kommemorazzjoni tal-aċċident ġeneralment permezz tal-bini ta' monument(i) kommemorattiv(i)
▹ **L-għoti ta' spjegazzjonijiet qabel il-pubblikazzjoni tar-rapport finali**




***L-azzjonijiet deskritti b'tipa grassa f'din it-taqsima huma taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorita' tal-Investigazzjoni tas-sigurtà jew isiru b'koordinazzjoni magħha***

## X'GĦANDEK TKUN TAF

▹ **Il-midja u l-midja soċjali** se jxerrdu ħafna informazzjoni parzjali fl-ewwel sigħat/ġranet wara l-aċċident. Bosta hekk imsejħa esperti se jispekulaw dwar il-kawżi tal-aċċident fl-ewwel ftit ġranet wara li jseħħ. L-investigaturi tas-sigurtà jieħdu aktar żmien biex jivverifikaw u jivvalidaw l-informazzjoni kollha ħalli jistabbilixxu l-fatti u ċ-ċirkostanzi eżatti tal-aċċident. Hija biss l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sigurtà li tipprovdi lill-vittmi u lil qrabathom b'informazzjoni u spjegazzjonijiet ivvalidati.
▹ L-arranġamenti għal **żjara fuq is-sit tal-aċċident** mill-qraba għandhom jsiru ma' l-awtorità tal-investigazzjoni tas-sigurtà konċernata u kwalunkwe awtoritajiet oħrajn li jkunu responsabbli għall-irkupru u l-identifikazzjoni tal-vittmi. Madankollu, is-sit tal-aċċident mhux dejjem ikun aċċessibbli.



*Il-monument kommemorattiv tal-aċċident ta' Sharm el-Sheikh (li seħħ f'Jannar tal-2004)*

▹ Wara aċċident tal-ajru, ġeneralment tinfetaħ ukoll investigazzjoni ġudizzjarja, li tkun distinta mill-investigazjoni tas-sigurtà , sabiex jiġu stabbiliti r-responsabbiltajiet. Dan il-proċess huwa indipendenti mill-investigazzjoni mwettqa mil-awtorita' tal-.